

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, 17.9.2009
COM(2009) 461 finali

**RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL, LILL-PARLAMENT
EWROPEW, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**RAPPORT TAL-UE TAL-2009 DWAR KOERENZA TAL-POLITIKA GĦALL-
IŻVILUPP**

SEC(2009) 1137 finali

WERREJ

1.	L-Impenn tal-UE lejn il-PCD.....	3
2.	Mekkaniżmi Organizzattivi.....	4
3.	Progress f'oqsma tematiċi	5
3.1.	Kummerċ.....	5
3.2.	Ambjent.....	6
3.3.	Tibdil fil-Klima	6
3.4.	Sigurtà	6
3.5.	Agrikultura	7
3.6.	Sajd.....	7
3.7.	Id-dimensjoni soċjali tal-globalizzazzjoni, l-impjiegi u x-xogħol deċenti.....	8
3.8.	Migrazzjoni	8
3.9.	Riċerka	8
3.10.	Is-Soċjetà tal-Infommazzjoni.....	9
3.11.	Trasport	9
3.12.	Enerġija	9
4.	Il-valutazzjoni tal-impatt ta' żieda tal-PCD fil-konfront tal-MDGs: Teħid ta' approċċ ibbażat fuq ir-Riżultati	10
5.	Konklużjoni.....	12

1. L-IMPENN TAL-UE LEJN IL-PCD

L-Unjoni fasslet kunċett ta' Koerenza fil-Politika għall-Iżvilupp (immirat biex isaħħaħ sinerġiji bejn il-politiki tal-UE barra mill-għanijiet ta' għajnuna u żvilupp, imsejjes fuq xogħol tal-OECD f'dan il-qasam, peress li ntebħet li l-politiki tagħha fl-oqsma barra minn dawk tal-iżvilupp kellhom xi riperkussjonijiet mhux intenzjonati fuq pajjiżi terzi. It-tfassil u l-implimentazzjoni bil-għaqal tal-politiki tal-UE kellhom iwasslu għal żieda fl-effettività tal-politiki tal-għanjuna għall-iżvilupp u tal-politiki mhux tal-għanjuna flimkien, u għal użu effiċjenti ta' riżorsi, billi tiġi limitata l-inkoerenza fil-politika u jiġu żviluppati sinerġiji.

Biex dan l-approċċ isir realtà, l-UE ħadet impenji kuraġġjużi fil-konfront tal-PCD fi tnax-il qasam ta' politika¹ fl-2005 u ddedikat ħin u enerġija biex issaħħaħ il-proċeduri, strumenti u mekkaniżmi tal-PCD fil-livelli kollha minn dak iż-żmien. Dawn l-isforzi ġew formalment imnaqqxa fil-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp li ġie adottat f'Diċembru 2005, u l-ewwel rapport dwar il-progress dwar il-PCD fl-Unjoni, li jintegra l-opinjonijiet u l-kompetenza esperta tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri, inħareġ mill-Kummissjoni f'Settembru 2007, f'konformità mal-mandat tal-Kunsill f'Mejju 2005.

Approċċ ibbażat fuq ir-riżultati għall-valutazzjoni tal-PCD

Id-dibattitu li segwa wara l-ħruġ tar-rapport dwar il-PCD tal-2007, flimkien ma' dibattiti li saru ma' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u organizzazzjonijiet internazzjonali dwar kwistjonijiet tal-PCD, b'mod partikolari l-OECD, wassal għal riformulazzjoni tal-metodoloġija tal-UE dwar il-PCD għall-eżerċizzju ta' rappurtar tal-2009 u għal żieda fl-enfasi dwar l-impatt fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

Bi qbil mal-esperjenza pożittiva tal-2007 filwaqt li ġiet integrata xi evidenza bbażata fuq analiżi, ir-Rapport tal-2009 ġie preparat fuq bażi ta' approċċ doppju. Analiżi aġġornata tal-kambjamenti fil-politika ġiet imħejjija, fuq il-bażi tal-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri u tad-diversi servizzi tal-Kummissjoni. Bħala tali, ir-rapport tal-2009 jibqa' sforz mifruż mal-UE li jirrifletti l-isforzi Ewropej biex jippromwovu l-PCD fil-livelli nazzjonali, tal-UE jew internazzjonali u jirrapporta fuq il-progress li sar rigward tal-impenji tal-PCD.

Barra minn dan, ir-rapport tal-2009 jippreżenta wkoll qafas kunċettwali globali li jgħaqqad it-12-il qasam ta' politika mal-l-għanijiet tal-Iżvilupp tal-Millennju (MDGs) fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u jiżvolġi fuq tliet analiżi ta' każi konkreti f'pajjiżi żviluppati u speċifikament fl-Afrika, minħabba s-sitwazzjoni partikolarment drammatika tal-kontinent fir-rigward tal-MDGs. Żewġ analiżi ta' każijiet jiffukaw fuq l-MDGs (MDG1 dwar il-ġuħ u MDG6 dwar il-ġlieda kontra l-HIV/AIDS) fi tliet pajjiżi li qed jiżviluppaw (l-Etjopja, il-Możambik u s-Senegal għal MDG1; Ir-Ruwanda, it-Tanzanija u ż-Żambja għal MDG6). It-tielet analiżi ta' każ ikkonċentrat fuq l-istrateġija konġunta tal-Afrika u l-UE bħala qafas b'potenzjal tal-PCD b'saħħtu.

¹ Meju 2005 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-PCD. It-tnax-il qasam huma l-Kummerċ, l-Ambjent, it-tibdil tal-Klima, is-Sigurtà, l-Aġrikultura, is-Sajd, id-Dimensjoni Soċjali tal-Globalizzazzjoni, l-impjiegi u x-xogħol diċenti, il-Migrazzjoni, ir-Riċerka, l-Innovazzjoni, is-Soċjetà tal-Informazzjoni, it-trasport u l-Enerġija.

2. MEKKANIŻMI ORGANIZZATTIVI

Mill-2007 l-UE saħħet sostanzjalment l-approċċ tagħha fir-rigward tal-PCD, b'enfasi fuq l-implimentazzjoni tal-impenji tal-politika magħmula fl-2005, kif ukoll l-irfinar tal-mekkaniżmi biex jiġi promoss il-PCD, l-użu aktar effettiv tiegħu u żieda fis-sensibilizzazzjoni dwaru.

Il-**Kummissjoni** kisbet reputazzjoni tajba għax-xogħol li għamlet fuq il-PCD, kif rikonoxxut fl-aħħar Reviżjoni ta' Esperti tal-Istess livell tal-għajnuna tal-KE tal-Kumitat ta' Assistenza għall-Iżvilupp (DAC) ². Fl-2008, il-Kummissjoni kompliet timxi fuq ix-xogħol li kienet wettqet fuq il-PCD billi rfinatu, u għamlet użu aħjar mill-konsultazzjoni bejn is-servizzi (ISC) u mill-valutazzjonijiet tal-impatt (VI), li t-tnejn li huma huma mekkaniżmi b'saħħithom fil-promozzjoni tal-PCD. Fuq livell internazzjonali, il-Kummissjoni kkontribwiet fl-eżerċizzju ta' Riflessjoni tal-OECD DAC dwar ir-reviżjoni tal-mandat DAC u b'hekk għenet sabiex il-PCD isir prijorità mġedda għall-OECD fil-ġejjieni.

Fil-livell ta' **Kunsill** sar xi progress permezz tal-Programm Kontinwu ta' Ħidma tal-PCD, l-eżami permezz tal-PCD tal-aġenda tal-Kunsill u s-sessjonijiet konġunti tal-Kunsill, anki jekk is-segwitu sistematiku ta' dawn l-eżerċizzji kien kemmxejn limitat. Filwaqt li l-Presidenzi tal-UE jistgħu jkollhom rwol ewlieni fil-PCD, l-isforzi tagħhom huma limitati neċessarjament għat-terminu tal-kariga tagħhom, li ħafna drabi jirriżulta f'nuqqas ta' kontinwità minn Presidenza tal-UE għall-oħra.

Il-**Parlament Ewropew** ħa interess akbar fil-PCD matul it-tieni nofs tat-terminu tiegħu. Il-Membri Parlamentari Ewropej staqsew ħafna mistoqsijiet bil-miktub dwar aspetti speċifiċi tal-politiki tal-UE inklużi l-migrazzjoni, il-kummerċ u s-sajd u l-impatti tagħhom fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Fis-17 ta' Ġunju 2008, il-PE adotta wkoll riżoluzzjoni dwar koerenza fil-politika għall-iżvilupp u l-effetti fuq l-iżvilupp tal-isfruttar ta' ċerti riżorsi naturali mill-UE fil-Punent tal-Afrika.

L-Istati Membri għamlu wkoll progress individwalment. Ħafna minnhom saħħew l-impenn tagħhom fir-rigward tal-PCD, irfinaw il-mekkaniżmi istituzzjonali tagħhom sabiex jippromwovu l-PCD u daħlu fi djalogu aktar intensiv mas-soċjetà inġenerali. L-Istati Membri b'bażi legali dwar il-PCD sabuha iktar faċli li jippromwovu l-PCD. Jibqgħu xi ostakli fir-rigward in-nuqqas ta' sensibilizzazzjoni dwar kwistjonijiet ta' żvilupp min-naħa tal-ministeri responsabbli li mhumx tal-iżvilupp. Dan jiġi kkomplikat bid-diffikultà li tiġi fornita evidenza dwar l-impatt aħħari ta' politiki mhux ta' żvilupp fuq il-faqar f'pajjiżi li qed jiżviluppaw, li tagħmilha diffiċli biex tipprova r-riżultati ta' żieda fil-PCD.

Madanakollu, l-istampa mhix kompletament pożittiva. Id-diffikultajiet li wieħed jiltaqa' magħhom fil-livell nazzjonali ta' spiss ikollhom effett fil-livell tal-UE u xi drabi huma jirrinforzaw lil xulxin. L-Istati Membri jindikaw in-nuqqas ta' volontà politika u l-prijorità limitata mogħtija lit-tnaqqis tal-faqar dinji bħala tfixkil serju għall-progress dwar il-PCD. Interessi diverġenti jistgħu jagħmluha diffiċli xi drabi il-messaġġi tal-Kunsill dwar il-PCD ikunu konsistenti.

Fuq il-bażi ta' dan ix-xogħol preparatorju jidher li jista' jiġi propost approċċ iktar strateġiku. Ir-rappurtar dwar il-progress milħuq fil-PCD fit-12-il qasam ta' politika kien importanti bħala mezz ta' kif titqajjem kuxjenza u tintwera l-importanza ta' aġenda tal-politika tal-UE usa'


² Kumitat ta' Assistenza għall-Iżvilup tal-OECD (DAC) Reviżjoni ta' Esperti tal-istess Livell tal-Komunità Ewropea, 2007.

għall-iżvilupp. It-tisħiħ tal-istrumenti tal-PCD kien neċessarju sabiex juża aħjar il-potenzjal tal-politiki għall-iżvilupp tal-UE. Madanakollu, sabiex isir progress veru, l-UE jeħtiġilha tbiddel l-approċċ tagħha. Iktar milli timmonitorja l-impatt tal-politiki kollha fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw l-UE tista' tippromwovi l-PCD iktar effettivament permezz ta' approċċ aktar iffukat. L-UE għandha tagħżel xi sfidi ewlenin għall-iżvilupp, tanalizza kif tista' tikkontribwixxi sabiex jintlaħqu permezz tal-medda wiesgħa tal-politiki u l-istrumenti tagħha, u tiżgura mobilizzazzjoni politika madwar dawn l-isfidi.

F'din it-tielet fażi l-UE għandha wkoll timxi lejn approċċ ta' sħubija fir-rigward tal-PCD. L-UE u l-pajjiżi li qed jiżviluppaw jistgħu pereżempju jniedu riflessjoni dwar il-mekkaniżmi ta' konsultazzjoni provduti għal-linji gwida tal-valutazzjoni tal-impatt, il-Ftehim ta' Cotonou u possibilmint is-Sħubija Afrika-UE u jtejbuhom jekk meħtieġ.

3. PROGRESS F'OQSMA TEMATIĊI

Il-progress magħmul fit-12-il qasam ta' politika mhuwiex uniformi. Ir-rapport PCD jivvaluta l-progress magħmul f'kull qasam u jidentifika kwistjonijiet mhux riżolti li jeħtieġu li jiġu indirizzati sabiex jitjiebu s-sinerġiji bejn il-politiki differenti.



3.1. Kummerċ

Sar progress fl-impenji tal-PCD tal-Kummerċ f'dawk l-oqsma fejn l-UE tista' tikkontrolla l-eżitu – eż. preferenzi awtonomi offruti lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw (bħalma huma s-Sistema Ġeneralizzata ta' Preferenzi u r-Regolament dwar l-Aċċess għas-Suq tranżizzjonali għal pajjiżi AKP li ffirmaw FSE). Fuq kwistjonijiet oħra, l-UE bdiet taħdem attivament biex ikollha riżultat pożittiv u qed tkompli tagħmel dan sabiex ikollha riżultati effettivi possibbli li jkunu kumpatibbli mal-iżvilupp. Fuq livell multilaterali, innovazzjoni fl-Aġenda tal-Iżvilupp

ta' Doha tad-WTO³ titlob l-impenn tal-partijiet ewlenin kollha, inkluż l-ekonomiji emerġenti prinċipali. Fil-livell bilaterali, il-konklużjoni b'suċċess ta' FSE u FKĦ tiddependi fuq sforzi sostanzjali miż-żewġ partijiet (l-UE u l-pajjiżi sħab) biex jilħqu ftehimiet li b'mod xieraq ikattru l-integrazzjoni reġjonali u jieħdu f'kunsiderazzjoni d-dimensjoni tal-iżvilupp.

3.2. Ambjent

Sar progress tajjeb fl-UE sabiex jiġi integrat it-tħassib dwar l-iżvilupp fil-qasam tal-politika tal-ambjent, kif muri fost l-oħrajn mill-inizjattiva ta' Konsum u Produzzjoni Sostenibbli, il-Pakkett tal-Foresti jew it-tisħiħ tad-djalogu mal-ekonomiji li qed jiżviluppaw inklużi dawk emerġenti. Madanakollu, għad baqa' flit kwistjonijiet kritiċi biex jiġu affaċċjati, bħat-titjib tal-Governanza tal-Ambjent Internazzjonali u t-tisħiħ tal-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Biodiversità.

Aktar koerenza fl-iżvilupp fil-qasam tal-politika tal-ambjent hija vitali biex it-“tħaddir” tal-ekonomiji tal-pajjiżi żviluppanti u li qed jiżviluppaw iwettaq il-wegħdiet tiegħu ta' dinja iktar sigura u ospitabbli. Jintħieġu politiki pubbliċi b'saħħithom u konverġenti sabiex jipprovdu gwida u orjentament ċari għall-pubbliku ġenerali biex jippermettu tranżizzjoni ekonomika globali li tkun tirrispetta l-ambjent rapida u mingħajr skossi. Il-koerenza fil-politika għall-iżvilupp tipprovdi l-għodda meħtieġa (eż. mekkaniżmi ta' konsultazzjoni, Valutazzjoni tal-Impatt) biex ikun żgurat li l-pajjiżi li qed jiżviluppaw ikunu parti integrali minn dawn l-iżviluppi.

3.3. Tibdil fil-Klima

Sar progress tajjeb fil-politiki tat-Tibdil fil-Klima peress li d-dimensjoni tal-iżvilupp tagħhom qiegħda gradwalment tinftiehem u tiġi artikulata aħjar. Fi ħdan l-UE, il-Pakkett tat-Tibdil tal-Klima u l-Enerġija adottat fl-2008 se joffri opportunitajiet importanti għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw b'mod partikolari fir-rigward ta' Mekkaniżmi ta' Żvilupp Nadif, Qbid u Ħżin tad-Dijossidu tal-Karbonju, produzzjoni sostenibbli ta' bijokarburanti, l-iżvilupp ta' strateġiji għal livell baxx ta' karbonju eċċ. Sar ukoll progress bit-tneġġja tal-Alleanza dwar il-Bidla Klimatika Dinjija fl-2007, bin-negozjati tan-NU ta' wara l-2012 dwar it-Tibdil fil-Klima, li għandha tieħu f'kunsiderazzjoni t-tħassib dwar l-iżvilupp fit-tnejn għall-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima li se ssir f'Kopenhagen, f'Diċembru 2009, u b'politiki ta' żvilupp li issa jintegraw aħjar miżuri ta' mitigazzjoni u adattament, anki jekk l-implimentazzjoni għadha fi stadju bikri.

Fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja u ekonomika, li probabbli se tiddevja l-attenzjoni u l-allokazzjoni tal-baġit kemm ta' pajjiżi żviluppanti kif ukoll ta' dawk li qed jiżviluppaw lejn kwistjonijiet ta' interess immedjat, huwa tal-akbar importanza li d-djalogu dwar il-politika jitjeb sabiex tiġi żviluppata viżjoni komuni mal-pajjiżi l-aktar vulnerabbli li qed jiżviluppaw, u b'hekk tiġi enfasizzata l-koerenza meħtieġa għall-azzjonijiet tagħna fil-qasam tat-tibdil tal-klima, l-enerġija u l-iżvilupp.

3.4. Sigurtà

L-Unjoni Ewropea tappoġġa l-proċessi ta' paċi f'haġna pajjiżi li qed jiżviluppaw politikament, finanzjarjament u b'mezzi militari biex b'hekk tipprovdi lil dawn il-pajjiżi bl-istabilità u l-paċi meħtieġa għall-iżvilupp. Madanakollu, kif rikonoxxut fir-Rapport dwar l-

³ L-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ

Implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropea dwar is-Sigurtà, li kien approvat mill-Kunsill Ewropew f'Diċembru 2008, hemm hteġa biex tkompli tissaħħaħ il-koerenza.

Fil-livell tal-UE, is-sistema tal-pilastru għadha timpedixxi azzjoni koerenti bejn il-missjonijiet tal-PESD u l-kooperazzjoni fl-iżvilupp. Is-servizzi differenti tal-Kummissjoni u l-Kunsill iżommu lil xulxin infurmati, iżda hemm lok għal tiġib ulterjuri fil-koordinazzjoni, l-ippjanar u t-teħid tad-deċiżjonijiet interistituzzjonali. Is-sekwenzjar u l-koordinazzjoni xierqa tal-attivitajiet tal-UE huma partikolarment importanti kif ukoll l-armonizzazzjoni ma' inizjattivi ta' pajjiżi sħab. Barra minn dan, l-UE għandha żżid l-isforzi tagħha biex titkellem b'vuċi waħda. L-Istrateġija Konġunta UE-Afrika dwar il-Paċi u s-Sigurtà hija kjament punt ta' riferiment fit-triq lejn iktar PCD.

3.5. Agrikultura

Il-kriżi dinjija tal-prezzijiet tal-ikel tal-2007-2008 tefgħat dwal ġodda fuq is-sitwazzjoni tal-ikel fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw li enfasizzaw il-fatturi numerużi li qed jaħdmu u r-relazzjonijiet kumplessi ta' bejniethom. L-impatt tal-politika dwar l-agrikultura tal-UE għandha għalhekk tiġi maħsuba b'attenzjoni minħabba tali kumplessità u hawn l-adattament riċenti tal-Politika Agrikola Komuni jirrappreżenta pass fid-direzzjoni t-tajba, b'mod partikolari permezz tas-separazzjoni tal-ikbar sehem tas-sostenn għad-dħul lill-bdiewa u t-tnaqqis fis-sussidji tal-esportazzjoni fis-sena riċenti fl-UE. Lil hinn mit-tibdil fil-politika agrikola domestika, l-UE rreaġiet rapidament għall-kriżi tal-prezzijiet tal-ikel billi stabbiliet, fost l-oħrajn, Faċilità għall-Ikel ta' EUR 1 biljun u b'hekk uriet l-impenn qawwi tagħha favur l-eradikazzjoni tal-faqar u s-sigurtà tal-ikel fil-pajjiżi sħab. Bħala miżura komplementari, l-UE ddeċidiet li tikkonċentra fuq l-agrikultura fl-isforzi ta' żvilupp tagħha u offriet klawżola ta' salvagwardja dwar is-Sigurtà tal-Ikel, li tgħin biex tiżgura s-sigurtà fl-ikel fil-Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika negozjati mal-pajjiżi tal-Afrika, l-Karibew u l-Paċifiku (AKP).

L-Ikel u l-Agrikultura se jibqgħu prijorità fuq l-aġenda politika internazzjonali fis-snin li ġejjin, u fuq medda ta' żmien itwal, il-politika agrikola kemm fl-UE u fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw għandhom jieħdu f'kunsiderazzjoni r-restrizzjonijiet imposti mill-miżuri tat-tibdil tal-klima, it-tendenzi demografiki, it-tibdil fix-xejriet tal-konsum u ż-żona limitata ta' art ġdida disponibbli għall-kultivazzjoni. Sabiex tintema' l-popolazzjoni dejjem tikber tad-dinja jeħtieġ li l-produzzjoni tal-ikel tkun irduppjata sal-2050, b'żieda ta' erba' darbiet aktar meħtieġa fl-Afrika. F'dan il-kuntest, il-progress fil-produttività agrikola, speċjalment fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, u s-sostenibbiltà fil-produzzjoni se jkunu sfidi kritiċi li politiki agrikoli u ta' żvilupp koerenti fl-UE se jgħinu biex jiġu indirizzati.

3.6. Sajd

Bis-sostituzzjoni tal-ftehimiet tas-sajd qodma kollha bil-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd l-UE implimentat qafas ta' politika li jiffavorixxi iktar l-iżvilupp stabbilit permezz tar-riforma tal-Politika Komuni dwar is-Sajd (CFP) kif deċiż fl-2002 u l-2004. Il-miżuri meħuda fl-livell tal-UE biex jiġi miġġieled is-sajd illegali, mhux rapportat u mhux regolat huma passi importanti biex jiġu evitati t-tnaqqis tar-riżorsi u sitwazzjoni fejn pajjiżi li qed jiżviluppaw jitolfu qbid u dħul potenzjali. Madanakollu, baqa' xi tħassib fir-rigward tas-sostenibbiltà u l-konsegwenzi soċjali tal-ftehimiet. Ir-riforma li ġejja tas-CFP tipprovdli opportunità biex tiġi rivalutata d-dimensjoni esterna ta' din il-politika bl-intenzjoni li ssir iktar favorevoli għall-iżvilupp.

3.7. Id-dimensjoni soċjali tal-globalizzazzjoni, l-impjiegi u x-xogħol deċenti

Fil-qasam tad-dimensjoni soċjali tal-globalizzazzjoni, il-kwistjonijiet li għandhom jiġu affaċċjati huma varjati (programmi dwar xogħol deċenti, l-ugwaljanza bejn is-sessi, it-tfal, iż-żgħażaġh, tal-impjiegi) u l-koordinazzjoni u l-koerenza huma importanti għalkemm mhux faċli biex jintlaħqu. L-UE qed tkompli bl-impenn tagħha sabiex tqajjem kwistjonijiet importanti f'fora internazzjonali. Fid-dawl tal-kriżi ekonomika globali, id-dimensjoni soċjali tal-globalizzazzjoni u x-xogħol deċenti ssir saħansitra iktar importanti għall-iżvilupp u t-tnaqqis tal-faqar. It-tkabbir tal-livell tal-protezzjoni soċjali, il-finanzjament ta' sistemi ta' protezzjoni soċjali u l-użu tal-aġenda għal xogħol deċenti bħala għodda biex tiġi affaċċjata l-kriżi huma elementi essenzjali fl-indirizzar tal-kwistjonijiet. Il-promozzjoni u l-kunsiderazzjoni tad-dimensjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi bħala rifless awtomatiku fl-oqsma kollha huma kruċjali f'dan ir-rigward.

3.8. Migrazzjoni

Permezz tal-Approċċ Globali għall-Migrazzjoni, l-Unjoni Ewropea trid tiżgura li l-benefiċċji pożittivi tal-migrazzjoni jiġu kkontrollati sabiex jinġieb benefiċċju reċiproku lill-UE u lill-pajjiżi sħab tagħha. Il-proċess tal-Koerenza fil-Politika għall-Iżvilupp huwa strumentali biex jiżgura li dan il-bilanċ delikat jinġieb 'il quddiem. L-UE saħħet id-djalogu tagħha mal-pajjiżi terzi dwar kwistjonijiet ta' migrazzjoni u żvilupp filwaqt li tkompli tintegra t-tħassib u l-isfidi komuni rigward il-migrazzjoni f'kooperazzjoni ma' dawn il-pajjiżi. Dawn l-isforzi għandhom ikompli sabiex wieħed jimbarka fuq l-isfida tal-politika li jiġu offruti għażliet reali għal migrazzjoni u mobilità lil ċittadini ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw li jfittxu impjeg skont il-liġi fl-UE. Il-portabbiltà tad-drittijiet soċjoekonomiċi qiegħda wkoll tiġi indirizzata iżda teħtieġ li tiġi ffaċċjata iktar fis-snin li ġejjin. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni bdiet u għandha tkompli fuq numru ta' kwistjonijiet, speċjalment trasferimenti ta' fondi, żieda fil-mobilità u relazzjoni iktar u djalogu b'saħħithom ma' organizzazzjonijiet li jittrattaw dijaspora. Barra minn dan, l-iffaċilitar tal-migrazzjoni tal-ħaddiema, tqabbil tal-impjiegi, it-trasferiment u r-rikonoxximent effiċjenti ta' snajja ġodda u l-indirizzar tal-eżodu tal-imħuħ tibqa' importanti. Fl-aħħarnett, se jiġu esplorati iktar kwistjonijiet ġodda bħall-impatt tal-kriżi ekonomika u t-tibdil tal-klima fuq il-migrazzjoni.

3.9. Riċerka

L-UE tkompli tikkontribwixxi għal għanijiet ta' żvilupp permezz tal-programmi ta' riċerka tagħha u tippromwovi s-sehem ta' riċerkaturi minn pajjiżi li qed jiżviluppaw f'proġetti ta' riċerka u skemi ta' mobilità. Bl-iffinanzjar ta' proġetti fuq firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet, bħal fl-oqsma tas-saħħa u s-sigurtà tal-ikel, il-politika tar-riċerka kkontribwit b'mod deċiżiv għall-iżvilupp.

Madanakollu, kollox ma' kollox, il-parteċipazzjoni ta' riċerkaturi mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw ta' spiss tibqa' baxxa. Diffikultà prinċipali biex jiġu involuti pajjiżi li qed jiżviluppaw f'kooperazzjoni fir-riċerka hija l-kapaċità tar-riċerka u l-infrastruttura limitata tagħhom.

Barra minn azzjonijiet ta' appoġġ għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw, u b'mod partikolari t-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' riċerka, qed issir żieda fl-enfasi fuq djalogu intensifikat mal-korpi reġjonali biex jiġu identifikati prijoritajiet komuni ta' riċerka u kapaċitajiet għar-riċerka konġunta. L-AUC jista' jkollu rwol importanti f'dan ir-rigward eż. billi jiġġestixxi programm ta' riċerka Afrikan u jkollu sehem attiv fl-iffaċilitar ta' sħubija fir-riċerka bejn l-Afrika u l-Ewropa.

3.10. Is-Soċjetà tal-Infommazzjoni

L-UE ħadet miżuri importanti biex tippromwovi Soċjetà tal-Infommazzjoni inklussiva. Hija intensifikat il-kooperazzjoni tagħha dwar ir-riċerka ma' pajjiżi li qed jiżviluppaw fil-qasam tal-ICT u żiedet il-kooperazzjoni magħhom dwar kwistjonijiet regolatorji. L-espansjoni tal-internet qed tiġi indirizzata wkoll mill-Unjoni Afrikana (UA) u mill-Unjoni Ewropea (UE) bħala parti mill-isħubija strateġika l-għdida għax-xjenza, is-Soċjetà tal-Infommazzjoni u l-ispazju. Permezz ta' din is-sħubija l-UE ssostni l-bini ta' infrastruttura u t-tisħiħ tal-kapaċità għall-ICT fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Il-potenzjal ta' din l-isħubija għandha tiġi ulterjorment sfruttata sabiex tiġi intensifikata l-kooperazzjoni fir-riċerka, sabiex jitkompla d-djalogu dwar il-politika u jiżdiedu l-isforzi biex tiġi estiża l-infrastruttura tal-ICT.

3.11. Trasport

Fil-qasam tat-Trasport, il-koerenza qiegħda aktar ma tmur tiġi indirizzata b'azzjonijiet iktar bilanċjati bejn modi ta' trasport, b'mod partikolari fl-Afrika Sub-Saħarjana, u billi jiġu indirizzati kwistjonijiet trasversali. Ikunu meħtieġa oqfsa aħjar għall-koordinazzjoni u kooperazzjoni sabiex jiġu ffissati għanijiet u inizjattivi tal-PCD. Is-Sħubija dwar l-Infrastruttura tista' tkun punt ta' tluq importanti jekk il-partijiet involuti jagħmlu użu tal-opportunità disponibbli.

It-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-Ewropa u l-Afrika fis-settur tat-trasport jinsab fil-qalba tal-Komunikazzjoni dwar it-tisħib bejn l-Unjoni Ewropea u l-Afrika. L-għan tiegħu hu dak li jingħaqad in-netwerk Trans-Ewropew ma' dak Afrikan. Il-Kummissjoni se tpoġġi l-esperjenza li kisbet mill-Politika Ewropea dwar it-Trasport għad-dispożizzjoni ta' sħabha fl-Afrika. Dan bil-għan li jingħata kontribut għal sistema tat-trasport aktar effiċjenti, li tgħin fl-iżvilupp tal-kontinent Afrikan sabiex jiġu ffaċċjati l-isfidi tal-faqar, tat-tħassir ambjentali u tal-iżbilanċi migratorji.

3.12. Enerġija

Matul dawn l-aħħar sentejn, l-Enerġija ngħatat attenzjoni politika sinifikanti u ġew mfittxija sinerġiji possibbli mal-iżvilupp. Il-Pakkett tal-UE dwar it-Tibdil fil-Klima u l-Enerġija tal-2008, pereżempju, jista' jaffettwa l-pajjiżi li qed jiżviluppaw, b'mod partikolari permezz tal-kapitolu dwar il-bijokarburanti, billi jiohloq opportunitajiet għodda għall-esportazzjoni tal-bijokarburanti. Se jinħolqu kemm opportunitajiet u riskji u dawn għandhom jitwieżnu b'attenzjoni. Fuq dan l-isfond, id-dimensjonijiet tal-iżvilupp tal-politika tal-UE dwar il-bijokarburanti ġew ikkunsidrati b'attenzjoni. Reċiprokament, politiki ta' żvilupp f'pajjiżi li qed jiżviluppaw speċifiċi jistgħu jiġu implimentati b'sinerġija, u b'hekk jiġu mgħejjuna pajjiżi fejn hemm potenzjal tajjeb ta' żvilupp tal-produzzjoni u l-użu tal-bijokarburanti, b'rispett xieraq għall-iskema ta' sostenibbiltà deskritta fid-Direttiva dwar l-Enerġija li Tiġġedded tal-UE. Madanakollu, twettaq ukoll progress dwar inizjattivi oħra kif muri bl-istabbiliment u l-implimentazzjoni ta' djalogi mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw dwar l-enerġija, inklużi pajjiżi emerġenti, jew permezz tal-adozzjoni ta' programm tematiku biex jiġu sostnuti l-ambjent u l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali, inkluża l-enerġija, fid-dinja li qed tiżviluppa.

Il-politiki dwar l-enerġija u l-istrateġija dwar it-teknoloġija relatata mal-enerġija tal-ġejjieni fl-UE se jkollhom rwol ewlieni sabiex jiżguraw l-iżvilupp ekonomiku sostenibbli fl-Unjoni, ir-reazzjoni tagħha għat-Tibdil fil-Klima u l-isforzi tagħha biex tgħin lil pajjiżi li qed jiżviluppaw sabiex jilhqqu l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju. Hemm sinerġiji bejn il-politiki tal-UE u dawk tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw li se jkun jeħtieġ li jiġu kkontrollati. Tali

komplementaritajiet se jikkontribwixxu għal aċċess aħjar għal enerġija sostenibbli għall-imsieħba kollha filwaqt li jippermettu li jintlaħqu miri importanti fit-tibdil tal-klima. Taħt dawn il-kundizzjonijiet, l-iżvilupp ekonomiku jista' jkompli u għandu jgħin biex jitwettqu l-għanijiet doppji tal-eradikazzjoni tal-faqar permezz ta' aċċess aħjar għall-enerġija u ż-żamma tat-tibdil tal-klima f'parametri aċċettabli⁴.

4. IL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT TA' ŻIEDA TAL-PCD FIL-KONFRONT TAL-MDGs: TEĦID TA' APPROĊ IBBAŻAT FUQ IR-RIŻULTATI


Id-dokument ta' Riċerka dwar "l-MDGs fin-Nofs: Fejn qegħdin u fejn jeħtieġ li mmorru?"⁵ huwa l-punt ta' tluq għall-qafas kunċettwali biex jiġi evalwat l-impatt tal-PCD fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Dan l-approċċ jisħaq fuq l-importanza ta' tliet gruppi ta' politiki, jiġifieri il-kuntest globali, l-assistenza għall-iżvilupp u l-politika domestika, li huma importanti sabiex jintlaħqu l-MDGs.

Filwaqt li l-fehim tal-interazzjonijiet bejn dawn it-tliet gruppi huwa l-essenzjali għall-evalwazzjoni tal-progress fuq l-MDGs, il-PCD jiffoka iktar speċifikament fuq l-interazzjoni bejn il-politiki ta' assistenza għall-iżvilupp u politiki oħra tal-UE kif inhu enfasizzat hawn taħt (Graf.1)

⁴ L-għanijiet tal-UE huma li tiġi limitata ż-żieda fit-temperatura globali medja ta' mhux aktar minn 2°C għola mil-livelli pre-industrijali.

⁵ http://ec.europa.eu/development/icenter/repository/mdg_paper_final_20080916_en.pdf, Bourguignon et al's (2008b)

Grafika 1: Interazzjonijiet bejn il-Politiki Ewlenin u l-progress dwar l-MDGs



Tali qafas jippermetti esplorazzjoni sistematika tal-effetti, pożittivi jew negattivi, li l-politiki tal-UE barra daww tal-għajnuna jista' jkollhom fuq l-iżvilupp, u, iktar speċifikament, dwar il-kisba tal-MDGs. Filwaqt li ħafna drabi l-enfasi hija fuq l-impatt potenzjalment negattivi, il-qafas jinkoraġġixxi wkoll l-identifikazzjoni ta' sinerġiji possibbli, u impatti potenzjalment pożittivi fuq l-iżvilupp, apparti mill-għan settorjali ċentrali tal-politiki.

L-elementi miġbura minn studji fuq il-post fil-Możambik, l-Etjopja u s-Senegal għall-istudju tal-każ fuq l-MDG 1 (fir-rigward tal-ġuħ) ikkonfermaw li skont il-karatteristiċi tal-pajjiż, serje ta' impatti jistgħu jiġru fir-rigward tal-politiki tal-istandards tas-sigurtà tal-ikel tal-UE, l-agrikultura u l-kummerċ. Madanakollu, il-problema li wieħed jattribwixxi l-impatti bħar-rwol relattiv tal-UE, politiki internazzjonali u politiki domestiċi oħrajn fil-ħolqien tal-impatti – jibqa' fattur li jillimita l-eżerċizzju u kwalunkwe tentattiv biex wieħed jestrapola rakkomandazzjonijiet ta' politika minn interazzjoni bħal din għandu jsir b'kawtela kbira. Barra dan xi drabi l-politiki tal-UE u l-politiki domestiċi xi kultant jikkonverġu, u jwasslu għal impatt simili: fl-Etjopja u s-Senegal pereżempju, il-bidliet minn negozju ta' merkanzija fi kwantitajiet kbar għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti differenzjati fi swieq speċifiċi tal-UE huma riżultat kemm ta' inizjattivi tal-politiki tal-UE (standards tas-sigurtà tal-ikel, politiki tal-agrikultura u tal-kummerċ) kif ukoll ir-riżultat ta' tentattiv maħsub min-naħa ta' daww iż-żewġ pajjiżi biex jibdlu għal prodotti iktar differenzjati b'valur miżjud għola. Fir-rigward tas-sajd, is-sitwazzjoni tas-Senegal enfasizzat il-potenzjal għal sinerġiji bejn il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-sajd tal-UE u l-politika tas-sajd tas-Senegal li teħtieġ li tiġi msaħħa u sostnuta. Fir-rigward tal-politiki dwar it-tibdil tal-klima u l-enerġija, l-isforzi attwali tal-UE fix-xena internazzjonali sabiex jiġi ssimplifikat l-aċċess għall-Mekkaniżmu għal Żvilupp Nadif (Clean Development Mechanism – CDM) f'pajjiżi li qed jiżviluppaw għandhom jgħinu lit-tliet pajjiżi li ttieħdu bħala kampjun biex jibbenefikaw mill-proġetti tal-CDM fil-ġejjieni. Barra dan, l-opportunitajiet offruti mill-kapitolu tal-bijokarburanti fil-Pakkett tat-Tibdil tal-Klima u l-

Enerġija tal-2008 għandhom jippermettu lill-Możambik u l-Etjopja li jiżviluppaw iktar f'dak is-settur, b'impatti pożittivi mistennija fuq it-tnaqqis tal-faqar fil-Możambik, pereżempju.

L-istudju tal-każ dwar l-**MDG 6** (fir-rigward tal-ġlieda kontra l-HIV/Aids), iħares lejn l-impatt li l-politika tal-kummerċ tal-UE, u b'mod partikolari l-Aspetti Relatati mal-Kummerċ ta' Drittijiet ta' Proprietà Intelletwali u l-politiki tar-riċerka u l-migrazzjoni kellhom fuq l-aċċess għal trattament tal-HIV fit-Tanzanija, iż-Żambja u Rwanda. Jirriżulta li la Rwanda u lanqas iż-Żambja ma rnexxielhom jużaw il-flessibilitajiet offruti mill-ftehim tat-TRIPS minħabba kwistjonijiet mhux direttament relatati mal-ftehim. Madanakollu fit-Tanzanija jidher li hemm xi skop li wieħed jesplora u juża l-flessibilitajiet tat-TRIPS u li jagħmel progress lejn l-MDG6.

Fir-rigward tal-politika tar-riċerka l-istudju jgħid li xi proġetti importanti ffinanzjati mill-Kummissjoni fit-Tanzanija jew diġà kkontribwew fil-ġlieda kontra l-HIV/AIDS jew għandhom potenzjal qawwi li jagħmlu dan. Xi żviluppi riċenti fil-politika tal-migrazzjoni juru żieda fis-sensibilizzazzjoni fl-UE dwar l-impatt tal-politiki tal-migrazzjoni fuq livelli tal-persunal fil-qas tas-saħħa fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Madanakollu, l-istudju s'issa ma pproduċa l-ebda evidenza konkreta li dawn id-dispożizzjonijiet jaħdmu fil-prattika.

L-istudju tal-każ dwar **Strateġija Konġunta UE-Afrika (JAES)** janalizza l-impatt potenzjali fuq il-PCD. Il-JAES, li ġie adottat f'Diċembru 2007, huwa qafas ġdid li jestendi l-kooperazzjoni li ilha teżisti bejn iż-żewġ kontinenti lil hinn mill-fruntieri tal-Afrika, lil hinn mill-politika għall-iżvilupp u lil hinn mill-partijiet istituzzjonali. Dan il-qafas ġdid kien ukoll pass importanti biex l-Afrika tiġi ttrattata bħala waħda u biex jitpoġġa fil-prattika l-prinċipju tad-diviżjoni tax-xogħol sabiex tiżdied iktar il-koerenza u l-komplementarjetà tal-azzjoni tal-UE. Minkejja l-perjodu ta' żmien qasir mit-tnedija u dħul tiegħu f'operazzjoni, sal-lum, il-JAES wera xi impatt, għalkemm limitat, fuq ir-riżultati tal-PCD. L-aspettattivi għandhom jinżammu realistiċi, minħabba l-isfidi usa' assoċjati mal-implimentazzjoni tal-JAES.

5. KONKLUŻJONI

Skont il-mandat oriġinali, ir-rapport tal-2009 jipprovdi bażi għall-ivvalutar tal-progress tal-PCD fl-UE. Barra minn dan, ir-rapport jiehwa aproċċ ibbażat fuq ir-riżultati billi jħares lejn l-effetti li l-politiki tal-UE kellhom fuq pajjiżi li qed jiżviluppaw u l-kapaċità tagħhom li jilhqqu l-potenzjal tal-MDGs u tal-PCD tal-Istrateġija Konġunta tal-Afrika-UE. Permezz ta' dan l-aproċċ ikkombinat ir-rapport jipprovdi kemm evidenza konkreta minn pajjiżi li qed jiżviluppaw dwar ir-relevanza tal-PCD u kif ukoll juri kif l-UE, permezz ta' firxa wiesgħa ta' politiki, tista' ssostni l-pajjiżi li qed jiżviluppaw fit-taqbida tagħhom kontra l-faqar. Bħala għodda ta' informazzjoni r-rapport għandu l-iskop li jiġġenera dibattitu u reazzjoni minn firxa wiesgħa ta' atturi fl-isferi privati u pubbliċi.